Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 126/2024

## Il-Ġimgħa 26 ta’ Jannar, 2024

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa’ ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Rabat Citta’ Victoria |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Jean Paul Portelli | Kunsill Lokali Nadur |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali Xagħra |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Horace | Kunsill Lokali Kerċem |

**ASSENTI B’APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

## 126.1 Talba

126.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 126.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

125.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 125 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 126.3 Komunikazzjoni tal-President u Korrispondenza

126.3.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba mingħand il-Koperattiva Għawdxija tal-Indafa Pubblika Limitata għall-aġġustament tal-COLA (Cost of Living). Ġie nnotatat li dan il-kuntratt jogħla kull sena. Barra minn hekk diġà saru żewġ aġġustamenti mit-tender oriġinali. Il-President issuġġerixxa li r-Reġjun jinkariga avukat sabiex jara dwar din it-talba.

126.3.2 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-MFSA dwar edukazzjoni għall-persuni li għandhom minn 60 il-sena l'fuq dwar *financial literacy*. Il-President qal li din hija xi ħaġa mportanti ħafna u għandna nidħlu fiha bħala reġjun. L-MFSA talbu żewġ lokalitajiet li jistgħu jikkommettu għal dan il-għan. Is-Sindki tar-Rabat, Zebbuġ, Munxar u Qala wrew interess.

126.3.3 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza dwar l-10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet li se jsir f'Mons, il-Belġu fit-18-19 ta' Marzu 2024. Qed jiġu mistiedna s-Sindki, Kunsilliera Lokali, ministri reġjonali u mexxejja oħra, fejn se jiltaqgħu u jiddiskutu soluzzjonijiet għall-isfidi lokali. Is-Sindku tal-Qala wera nteress li jattendi u staqsa lis-Sindki preżenti jixtiequx iżidu aktar ġranet biex igawdu ftit żmien flimkien bħala kollegi. Il-President talab lis-Segretarja biex tara jekk hemmx iżjed avvenimenti in-konnessjoni ma' dan is-summit li jkunu jistgħu jattendu.

126.3.4 Fuq talba tal-PR, il-President fakkar lill-membri preżenti biex jagħtu aġġornament tas-self tal-pedal bikes li ġew imqassma lill-kull Kunsill Lokali.

126.3.5 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba mingħand wieħed mill-Managers għal tlett ijiem "Cultural Leave" fi żmien il-Karnival biex jipparteċipa fil-Karnival ta' Għawdex. Ġie kkwotat il-Public Service Management Code – Manuel on Special Leaves (artiklu 6.3). Peress li din l-artiklu tispeċifika li dan il-leave huwa għal attivitajiet kulturali barra minn Malta, dan ma ġiex approvat. Il-membri talbu li jekk hemm xi regolamenti oħra fejn din it-talba tista' tiġi kunsidrata tiġi ppreżentata. Fil-każ li m'hemmx din il-persuna għandha tieħu l-leave personali tagħha.

Tqajjem il-punt li qed ikun hemm wisq attivitajiet, avvenimenti, taħriġ u laqgħat, kemm għall-membri eletti kif ukoll għall-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindki fakkru li huma jaħdmu u ma jistgħux jattendu għal dan kollu u l-istaff hemm bżonnu fl-uffiċċju peress li hemm ħafna xogħol xi ssir.

126.3.6 Ir-Reġjun ta' Għawdex irċieva talba sabiex jgħin lill-*Europe Direct Gozo* jorganizza attività biex iqajjem interess fiż-żgħażagħ fl-elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej. Din it-talba ġiet mingħand il-Gozo Business Chamber. Il-Kunsill Reġjonali

Għawdex għandu jitlob għal stima tal-ispejjeż inkonnessjoni ma' din l-attivita' sabiex tiġi kkunsidrata.

126.3.7 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva talba mingħand il-Gozo Youth Football Association (GYFA) dwar il-parteċipazzjoni ta' tlett tims (Gozo Under 14, U15 u U17) fil-IFF League/Developmental Tournament f' Malta din is-sena. Ir-Reġjun ser jitlob lil din l-assoċjazzjoni biex tidentifika eżatt x' inhuma l-ispejjeż ħalli jkun jista' jara x'għajnuna tista tingħata. Ġie nnotat li r-Reġjun bħal Kunsilli Lokali mhux qiegħed f'pożizzjoni li jgħin f'dawn it-talbiet speċjalment fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-kontijiet tal-iskart u n-nuqqas ta' rimborż mingħand il-PROs.

126.3.8 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva talba mingħand astrologist u kittieb dwar laqgħat li jistgħu jsiru fil-Kunsilli Lokali. Il-membri preżenti qalu li huma diġà kellhom kuntatti ma' din il-persuna. Ma jidhirx li hemm interess sabiex jibdew isiru dawn il-laqgħat fil-Kunsilli.

126.3.9 Ġiet diskussa l-iskema tal-LESA – Proġetti fil-Komunitajiet li ssemmiet fl-laqgħat preċedenti – bħala skema li tista' tiġi utilizzata biex jitħallsu l-ispejjeż inkonnessjoni ma' skema *SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati* fejn jiġu nstallati CCTV's fit-toroq. Is-Sindku kollha qablu li mhux għaqli li tintuża din l-iskema għal dan il-għan. Il-massimu ta' kull proġett huwa €80,000 (il-LESA tħallas 80% minn kull proġett approvat). F'dan il-ħin issemma l-possibilità ta' "Bring in Sites" taħt l-art.

126.3.10 Saret laqgħa mas-Surmast Colin Attard li qed jorganizza is-17-il Edizzjoni tal-Festival Gaulitana bejn it-23 ta' Marzu u 21 ta' April 2024. Hu talab sabiex ir-Reġjun jikkollabora miegħu f'dan il-festival li jsir f'diversi lokalitajiet bla ħlas ħlief għall-Opera. Fil-laqgħa s-Sur Attard ġie nformat li r-Reġjun ta' Għawdex ser ikun ir-Reġjun Kulturali ta' Malta fis-sena 2025 u għalhekk f'din is-sena r-Reġjun ser jingħata fondi apposta għal dan it-tip ta' avvenimenti. Għal din is-sena ġie allokat l-ammont ta' €500 għal dan il-Festival.

126.3.11 Il-President fakkar lill-membri preżenti li l-iskemi Reġjonali għalqu fl-aħħar ta' Diċembru 2023. Id-dokumenti u rapporti finali jridu jaslu għand ir-Reġjun sa' l-aħħar ta' Jannar 2024. Ġie enfasizzat li dokumenti li jiġu sottomessi wara din id-data ma jiġux aċċettati.

126.3.12 Fuq talba mingħand il-Kunsilli li applikaw għall-iskema SPI/SCI/10/2022-Żvilupp ta' Latrini pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex, ir-Reġjun għamel talba lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-estensjoni taż-żmien sabiex dawn il-proġetti jitwettqu. S'issa r-Reġjun għadu ma rċeviex risposta bil-miktub.

126.3.13 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-iskema maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali SPI/SCI/1/2024 Skema ta' Restawr u Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta. Il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex għal darb' oħra ġew esklużi li jipparteċipaw minn din l-iskema mingħajr l-ebda spjegazzjoni. Din mhux l-ewwel darba li ħarġet hekk din l-iskema. Ir-Reġjun bagħat email lil min hu kkonċernat u ħareġ stqarrija pubblika dwarha. Anke l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali wera t-tħassib tiegħu dwar dan. Għalkemm il-Ministru għal Għawdex qal li hu bi ħsiebu joħroġ skema simili dan mhux ġust għaliex il-Kunsilli Lokali Għawdxin jaqaw taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali u mhux taħt il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

## 126.4 Performance Bonus tal-Ħaddiema tar-Reġjun Għawdex

126.4.1 Għal din il-parti tal-laqgħa, s-Sindku tal-Munxar, is-Sur Damien Spiteri ma ħax sehem fid-diskussjoni biex ikun konformi mal-liġi.

126.4.2 Is-Segretarja Eżekuttiva ssuġġeriet li l-ħaddiema kollha tar-Reġjun preżenti u dawk li ħadmu matul is-sena 2023 u m'għadhomx impjegati mar-Reġjun jingħataw *performance appraisal u bonus in full* (6%). Hi qalet li dejjem sabet koperazzjoni sħiħa mingħandhom. Il-membri tar-Reġjun qablu ma dan is-suġġeriment.

## 126.5 Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal

126.5.1 Kif ġie mħabbar f'Ġunju 2023 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sar ftehim ta' kollaborazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Aġenzija LESA biex tagħti għajnuna finanzjara lir-Reġjuni, Kunsilli Lokali, NGO's u għaqdiet volontarji oħra. L-għajnuna ser tingħata f'forma ta' servizzi tal-Aġenzija (LESA), tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili. Dawn is-servizzi jistgħu jintużaw waqt attivitajiet imtella' mill-Kunsilli Lokali jew attivitajiet imtella' minn għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Ġie deċiż li l-fond għall-kull Kunsill huwa ta' mhux aktar minn €4,000. Aktar informazzjoni dwar kif għandhom isiru t-talbiet ser jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali.

## 126.6 Aġġornament fuq il-IGCAT – European Region of Gastronomy 2026.

126.6.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex qed jaħdem fuq iż-żjara tal-ġurija tal-applikazzjoni tat-titlu għall-European Region of Gastronomy 2026. Ir-Reġjun kien diġà ġab approvazzjoni ta' direct order biex il-Kumpanija ARC Research & Development tagħmel il-preparamenti għall-Bid Book. Ir-Reġjun talab l-għajnuna ta' din il-kumpanija għall-preparazzjonijiet u għajnuna taż-żjara tal-ġurija. Peress li dan ix-xogħol jorbot direttament mal-Bid Book hemm bżonn li jkunu l-istess nies li jagħmlu dan ix-xogħol. Il-kwotazzjoni hija ta' €2250 eskluż il-VAT. Il-kwotazzjoni ġiet aċċettata mingħand il-membri tar-Reġjun.

126.6.2 Bejn it-Tnejn 12 ta' Frar u l-Ġimgħa 16 ta' Frar ser ikun hawn fostna żjara mill-ġurija u s-Segretarjat tal-IGCAT. Huma ser jiltaqgħu mal-istakeholders li żviluppaw offerta interessanti għall-gżira tagħna. Is-Sindki tal-lokalitajiet Għawdxin huma lkoll stakeholders ta' din l-applikazzjoni.

126.6.3 Jekk ir-Regjun ta' Għawdex jirnexxielu jakkwista dan it-titlu jkun l-iżgħar reġjun f'din il-pjattaforma. Is-Sindki ġew mħeġġa biex jipparteċipaw fejn jistgħu.

## 126.7 Aġġornament dwar l ECOC – European Capital of Culture 2031.

126.7.1 Fil-preżent il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex qed jaħdem sabiex tiġi mwettqa l-Fondazzjoni li tmexxi din l-applikazzjoni u taħdem fuq il-Bid Book li jrid jiġi ppreżentat f'Ottubru 2024. Qed isiru laqgħat maċ-Chairman u CEO tal-Valletta Cultural Agency biex niġu ggwidati.

## 126.8 Materji Oħra.

126.8.1 N/A.

**126.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

126.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 138 li kienet tammonta għal €249,222.26

**126.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

**126.10.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-19.35 u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 20 ta' Frar 2024, fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| _____________________ | _____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |